BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 04/13 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 13 ta' Marzu 2013 fil-5.30pm**

| *Preżenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Carmelo Cachia**<br>**Is-Sur Charles Muscat**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skużat** | **-** |

## *AĠENDA -1*

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 02/13 u 03/13 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. K.Barun ippropona u B.Pace issekondat mozzjoni biex il-Minuti Nru. 02/13 ikunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett, filwaqt li S.Zammit ippropona u K.Barun issekonda mozzjoni biex il-Minuti Nru. 03/13 jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## *AĠENDA -2*

*01/03 -* Tressqet talba mill-produtturi tal-film 'Simshar' sabiex isir *filming* f'żewġ partijiet tal-lokal, fi Triq iż-Żebbuġ u Triq Salvatore Cachia Żammit bejn it-23 u s-26 ta' Marzu 2013. Il-Kamra ma sabet l-ebda oġġezzjoni li jsir dan il-*filming* dment li l-post jitħalla nadif.

*02/03 -* Ġiet preżentata quddiem il-mejda t-tieni kwotazzjoni fir-rigward tas-*supply* għal-lampa ġdida fi Triq Wied Ħas-Saptan. Wara diskussjoni dwar jekk il-Kunsill għandux imur għal-lampi *solar* jew għal *supply* normali, il-Kamra qablet li qabel tikkommetti ruħha ġġib stima tal-lampi li jaħdmu *solar* sabiex tikkompara l-prezzijiet.

*03/03 -* Tressqu żewġ petizzjonijiet minn residenti fir-rigward ta' Triq il-Girgħien. Petizzjoni waħda sabiex it-triq issir *one-way* filwaqt li l-petizzjoni l-oħra biex ma ssirx. Il-Kamra rat dawn iż-żewġ petizzjonijiet u qablet li għandu jsir immaniġġar tat-traffiku fil-parti t'isfel tal-*area* Tal-

Papa li tkun tinkludi wkoll Triq il-Girgħien. Għaldaqstant il-kumitat għat-traffiku ser jiddiskuti din l-*issue* u jressaq quddiem il-Kamra l-proposti tiegħu.

*04/03* - Il-Boċċi Klabb Birżebbuġa ressqu talba lill-Kamra sabiex isiru tmien (8) arbli tad-dawl ġodda madwar il-*pitch* minħabba li dawk li hemm issaddu u qed joħolqu periklu. Il-Kunsill Lokali ma laqax din it-talba minħabba li skont il-liġi, il-Kunsill Lokali ma jistax jagħmel donazzjonijiet la fi flus u lanqas f'materjal. L-Għaqda għandha tirrikorri għand il-Federazzjoni tal-Għaqdiet sabiex ikollha gwida minn fejn jistgħu jinġiebu fondi għal għanijiet simili.

***<u>AĠENDA -3</u>***

Il-Kamra għaddiet sabiex jiġu diskussi żewġ proġetti li l-Kunsill Lokali qed jaħdem fuqhom:

- <u>Funtana fi Ġnien L-Indipendenza</u>

Tressqet l-istima u d-disinn relatat ma' dan ix-xogħol. Wara diskussjoni l-Kamra approvat id-disinn kif ukoll l-istima ta' €6797.98 sabiex issir din il-funtana. Ukoll il-Kamra qablet sabiex napplikaw għall-fondi taħt l-iskema UIF sabiex isir dan il-proġett.

- *<u>Outdoor Gym</u>*

Tressqet quddiem il-mejda proposta sabiex isir *outdoor gym* fil-lokal. Wara diskussjoni l-Kamra qablet ma' din il-proposta u twaqqaf kumitat kompost mis-Sindku, K.Barun u C.Muscat sabiex jagħżel is-sit u l-apparat għal dan il-proġett. Ukoll approvat li dan il-proġett jiġi ffinanzjat mill-fond taħt l-iskema tal-UIF.

***<u>AĠENDA -4</u>***

Tressaq għad-diskussjoni t-tieni abbozz tal-*bye-law* dwar kontroll ta' apparat għall-attivitajiet fil-Bajja s-Sabiħa. Wara diskussjoni l-Kamra approvat din il-*bye-law* u qabel jinbeda l-proċess sabiex tiġi approvata min-naħa tal-Parlament għandna nimxu mal-proċeduri stipulati skont il-liġi.

***<u>AĠENDA -5</u>***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti għax-xahar ta' Marzu 2013. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €48987.85 titħallas skont Skeda Nru. 03/13.

***<u>AĠENDA -6</u>***

1. Is-Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li:

   - hemm kwotazzjonijiet għal :

     Kwotazzjoni 01/13 – Rikonċiljazzjoni tal-Fixed Asset Register
     Kwotazzjoni 02/13 - Servizz ta' trasport għall-anzjani
     Kwotazzjoni 03/13 - Provista ta' Cold Asphalt
     Kwotazzjoni 04/13 - Provista ta' żebgħa tat-toroq
     Kwotazzjoni 05/13 - Provista ta' żebgħa

     miftuħa li jagħlqu nhar it-Tnejn l-1 ta' April 2013.

- il-Kunsill Lokali ingħata l-fondi :

  €2000 taħt Memo 38/2012 'Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012/2013' għal attivita' 'Inġeddu Tfulitna'.
  €1000 taħt Memo 38/2012 'Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012/2013' għal attivita' Festa ta' Għana u Tradizzjonijiet
  €1400 taħt Memo 49/2012 'Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2013' għal 'Birżebbuġa on the move'

  filwaqt li ma ngħatax fondi taħt Memo 56/2012 'Skema ta' Finanzjament ta' Proġett Pilota – Inizjattiva msejħa *Book Box*' u taħt Memo 45/2012 'Skema ta' Finanzjament ta' Inizjattivi Speċjali 2013'.

- irċevejna l-ħlas fir-rigward tal-*barrier* fil-Bajja s-Sabiħa li kienet intlaqtet b'aċċident fis-sajf 2012.

- ħarġet id-deċiżjoni fir-rigward tat-tieni appell fuq l-Offerta Pubblika Nru. 06/12 – Provista u Installazzjoni ta' bandli, *fence* u *soft flooring* fi Ġnien il-Kunsill Lokali, Ġnien Profs. Anton Tabone u Ġnien Mons. Guzeppi Minuti. Id-deċiżjoni kienet favur l-appellant u għaldaqstant il-Kunsill Lokali ma jistax ma jallokax is-sejħa pubblika. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li fid-dawl ta' din id-deċiżjoni, terġa' tiftaħ mill-bidu l-proċess ta' aġġudikazzjoni.

- fir-rigward tal-kamra li l-Kunsill jikri mill-Awtorita' tad-Djar fl-*area* tal-Papa, fejn kif ġie deċiż f'Seduta Nru. 02/13 li saret nhar il-Ħamis, 7 ta' Frar 2013 kien ser jirrinunzjha għal għan filantropiku, jekk il-Kunsill jagħmel dan, din il-kamra tingħata lill-privat b'sejħa pubblika. Fid-dawl ta' dan il-Kamra unanimament qablet li għalissa żżomm din il-kamra.

- bil-proċess li bih il-Kunsill Lokali tal-Ħamrun għamlu il-*public car park* fil-lokal tagħhom, kif kien mitlub f'Seduta Nru. 02/13. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li l-prijorita' tal-Kunsill Lokali għandha tibqa' fuq iċ-ċentru civiku u għaldaqstant għandu jerġa' jinfetaħ il-proċess ta' devoluzzjoni tal-art fi Triq Santa Katerina.

- wasal iż-żmien sabiex inġeddu l-kuntratt li għandu l-Kunsill Lokali mal-Greenpak fir-rigward ta' ġbir ta' skart riċiklabbli. Kulħadd qabel.

2. Il-Viċi Sindku, is-Sur K.Barun :

   - irrimarka li issa li hemm Ministri ġodda għandna nibagħtu ninfurmawhom b'affarijiet pendenti li għandu l-Kunsill Lokali, kif ukoll isiru laqgħat neċessarji magħhom.

   - il-Perit Edric Micallef ippropona soluzzjoni fir-rigward tal-problema tal-ilma baħar li jitla' f'San Ġorġ. K.Barun talab sabiex din il-proposta tiġi diskussa mill-Kunsill Lokali.

3. Il-Kunsillier, is-Sur J. Baldacchino :

   - ressaq suġġeriment sabiex fil-*website* tal-Kunsill Lokali jkun hemm intervisti ma' personaġġi mil-lokal li r-resident ikun jista' jsegwi. Dawn l-intervisti, mistoqsija u tweġiba, jiġu approvati mill-Kunsill Lokali qabel jitpoġġew *on-line*. Wara diskussjoni, fejn kien hemm suġġerimenti li dawn l-intervisti għandhom jiġu kkombinati ma' *upgrade* tal-*website,* ġie deċiż li K.Barun u J.Baldacchino jaħdmu fuq iż-żewġ *issues*.

4. Il-Kunsillier, is-Sur C.Cachia :

   - irrimarka li sar *patching* fi Triq Tal-Papa li diġa qed jinqala'. S.Zammit ikkonferma dan.

- talab sabiex ikollu laqgħa fejn jattendu l-*Contracts Manager* u l-kuntrattur tal-latrini pubblici sabiex jiġu ċċarati xi punti fuq il-kuntratt ta' żamma ta' latrini pubbliċi.

- issuġġerixxa li minħabba ħamrija għolja fejn is-*substation* ta' Triq il-Port Ħieles, jiġi miżrugħ *hedge* mad-dawra sabiex iżżomm il-ħamrija milli tintilef. Kulħadd qabel.

- informa l-Kamra li l-BEAG għamlet rapport lill-MEPA fir-rigward tal-*Oil Rig* li daħal il-Port Ħieles għat-tiswija. Is-Segretarju Eżk. infurmat il-Kamra li anke l-Kunsill Lokali kiteb lill-MEPA sabiex jiġbed l-attenzjoni fuq dan il-każ kif ukoll jara jekk il-permess ambjentali li għandu l-Freeport, jippermettix tali tiswija.

- issuġġerixxa li l-Kunsill Lokali jidħol f'inizjattiva fejn ir-residenti jkunu jistgħu jiddisponu minn ħwejjeġ użati sabiex jiġu rriċiklati.

5. Il-Kunsillier, is-Sur S.Zammit :

   - awgura l-Partit Laburista għar-rebħa fl-elezzjoni ġenerali u faħħar ix-xogħol li għamlu ż-żewġ kumitati politiċi tal-lokal waqt l-istess elezzjoni fejn deher ċar il-koordinazzjoni li kien hemm bejn dawk kollha nvoluti.

   - irrimarka li saret *road hump* mingħajr permess fi Triq Tal-Papa.

6. Il-Kunsillier, is-Sur C.Muscat :

   - ressaq talba quddiem il-Kamra sabiex isiru l-*parking bases* fi Triq il-Kanġu.

   - talab sabiex jitneħħew il-pajpijiet li hemm fis-sit fejn qabel kien hemm il-bandli fi Triq Santa Katerina.

   - fakkar fuq iz-*zebra crossings* għall-*area* ta' Triq San Ġorġ. Is-Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li fir-rigward ta' din l-applikazzjoni, wasalna fl-istadju li ngħaddu pjanti *to scale* lil TM.

7. Is-Sindku, is-Sur J.Farrugia

   - saħaq li minħabba li issa ser ikun hemm Ministri u Segretarji Parlamentari ġodda għandna nlestu dokumentazzjoni ta' xogħlijiet/talbiet pendenti sabiex nerġgħu niġbdu l-attenzjoni fuqhom.

***<u>Għeluq</u>***

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fis-7.45pm. Is-Seduta li jmiss ser tinżamm nhar il-Erbgħa, 3 ta' April 2013 fil-5.30pm.

.

| | |
|---|---|
| **........................................** | **.............................................** |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |